MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 404/2009

**A B f' isimha proprju**
**u ghan-nom ta' binha minuri C**
**vs**
**D E, F G**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li hi u l-konvenut D E, konjugi E, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fis-26 ta' Frar 2009; li wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f' relazzjoni stabbli mal-konvenut l-iehor F G; li fl-4 ta' Dicembru 2009 twieled minn din ir-relazzjoni t-tifel C; li l-konvenut F G ma riedx li t-tifel tieghu jigi registrat bil-kunjom E, u ghalhekk sallum ghadha ma saritx ir-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri; ghaldaqstant talbet li din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni, tiddikjara li l-minuri C huwa t-tifel ta' F G, u taghti l-ordnijiet kollha mehtiega lill-

awtoritatjiet governattivi koncernati biex C jigi registrat bhala t-tifel ta’ A B u F G;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara d-Dottoressa A Cassar;[1]

Rat in-nota prezentata mill-attrici fl-24 ta’ Gunju 2010 li biha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali li t-tifel Cs li twieled fl-4 ta’ Dicembru 2009 mir-relazzjoni li hi titrattjeni mal-konvenut F G, huwa fil-fatt il-wild naturali u bijologiku ta’ dan il-konvenut.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li fil-21 ta’ Settembru 2007 il-konjugi E sseparaw de facto; u f’ Dicembru 2008 l-attrici dahlet f’ relazzjoni stabbli mal-konvenut F G.

Illi kemm l-attrici kif ukoll zewgha l-konvenut D E jikkonfermaw li mis-separazzjoni de facto ‘il quddiem huma ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom;  u l-attrici tikkonferma li minn Dicembru 2008 hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut F G biss.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw it-tezi ta’ l-attrici stante li jikkonfermaw lill-konvenut F G bhala il-missier bijologiku u naturali tat-tifel C.

[1] Fol.11 *et seq.*

Dan premess u kkonsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici fit-termini taghha; u tiddikjara li t-tifel C li twieled mill-attrici fl-4 ta' Dicembru 2009 huwa l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F G, u tordna d-debita registrazzjoni tieghu.

L-ispejjez jigu sopportati mill-attrici f' isimha proprju u mill-konvenut F G, konguntivament, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------